MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 259/2007

**Maltacom Plc C2234**
**vs**

**Ashraf El Bakry**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u disa' Liri Maltin u tletin centezmi (LM 609.30) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2122 5618 skond kif jirrizulta minn dokumenti annessi mat-talba immarkati bhala Dok A u B.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenut mid-data tal-prezentaat ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-subizzjoni  tal-konvenut pprezentat mill-PL Noel Scerri fit-2 ta’ Ottubru, 2007;

Ra li l-konvenut  naqas jikkontesta  l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------